2026/1129

26.5.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1129

tat-22 ta' Mejju 2026

li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-IPBC għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

Billi:

(1) L-IPBC ddaħħal fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8. Skont l-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, għaldaqstant ġie kkunsidrat bħala approvat skont dak ir-Regolament sat-30 ta' Ġunju 2020 soġġett għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE.

(2) Fl-20 ta' Diċembru 2018, ġiet ippreżentata applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tiġdid tal-approvazzjoni tal-IPBC għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 ("l-applikazzjoni").

(3) Fil-11 ta' April 2019, l-awtorità kompetenti li tevalwa tad-Danimarka għarrfet lill-Kummissjoni li kienet iddeċidiet, skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li kienet meħtieġa evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni. Skont l-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament, l-awtorità kompetenti li tevalwa trid twettaq evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni fi żmien 365 jum mill-validazzjoni tagħha.

(4) L-awtorità kompetenti li tevalwa tista', kif xieraq, teżiġi li l-applikant jipprovdi biżżejjed data biex titwettaq l-evalwazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. F'dak il-każ, il-perjodu ta' 365 jum jiġi sospiż għal perjodu li ma jistax jaqbeż il-180 jum b'kollox, sakemm ma tkunx iġġustifikata sospensjoni itwal minħabba n-natura tad-data rikjesta jew minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali.

(5) Fi żmien 270 jum minn meta tirċievi rakkomandazzjoni mill-awtorità kompetenti li tevalwa, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") trid tħejji opinjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva u tippreżentaha lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

[1] ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.
[2] Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1998/8/oj).

(6) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1969 ([3]), ipposponiet id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-IPBC għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 għall-31 ta' Diċembru 2022 sabiex ikun hemm biżżejjed żmien biex tiġi eżaminata l-applikazzjoni.

(7) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1485 ([4]) ipposponiet għal darba oħra d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-IPBC għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 għall-31 ta' Lulju 2025 minħabba l-ħtieġa li l-awtorità kompetenti li tevalwa tivvaluta d-data addizzjonali mitluba mill-applikant relatata mal-kriterji bil-għan li jiġu ddeterminati l-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali għall-organiżmi mhux fil-mira.

(8) Il-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali adotta l-opinjoni tal-Aġenzija fil-25 ta' Frar 2025 ([5]), wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-awtorità kompetenti li tevalwa.

(9) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/970 ([6]) ipposponiet ulterjorment id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-IPBC għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 għall-31 ta' Lulju 2026 filwaqt li qieset iż-żmien meħtieġ biex il-Kummissjoni tiddeċiedi jekk iġġeddidx l-approvazzjoni tal-IPBC għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8.

(10) Matul il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, il-Kummissjoni identifikat kwistjonijiet biċ-ċarezza tal-konklużjonijiet tal-opinjoni tal-Aġenzija dwar il-proprjetajiet tas-sustanza li jfixklu s-sistema endokrinali li jistgħu jikkawżaw effetti negattivi fuq l-ambjent (organiżmi mhux fil-mira). Skont l-Artikolu 75(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (g), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, il-Kummissjoni beħsiebha titlob lill-Aġenzija tirrevedi l-opinjoni tagħha u tiċċara l-partijiet relatati mal-valutazzjoni tal-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali tal-IPBC fir-rigward ta' organiżmi mhux fil-mira.

(11) Għaldaqstant, għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tal-applikant, l-approvazzjoni aktarx tiskadi qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħha. Għaldaqstant jixraq li d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tiġi posposta ulterjorment għal perjodu ta' żmien meħtieġ biex l-Aġenzija tiġi kkonsultata mill-ġdid u biex jiġi ffinalizzat it-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar jekk għandhiex tiġġedded l-approvazzjoni tal-IPBC għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8. Għalhekk, jenħtieġ li d-data tal-iskadenzati tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2027.

(12) Wara li tiġi posposta għal darba oħra d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni, l-IPBC jibqa' approvat għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8, soġġett għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-IPBC għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/970 hi posposta għall-31 ta' Diċembru 2027.

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1969 tas-26 ta' Novembru 2019 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-IPBC għall-użu fi prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 (ĠU L 307, 28.11.2019, p. 45; ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2019/1969/oj).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1485 tas-7 ta' Settembru 2022 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-IPBC għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 233, 8.9.2022, p. 81; ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2022/1485/oj).

([5]) L-Opinjoni tal-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPC, Biocidal Products Committee) dwar l-applikazzjoni għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva: 3-jodju-2-propinil butyilkarbamat, Tip ta' prodott: 8, ECHA/BPC/459/2025, adottat fil-25 ta' Frar 2025.

([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/970 tat-22 ta' Mejju 2025 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-IPBC għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2025/970, 23.5.2025). ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/970/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Mejju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN